**Aggravju A: Il-Qorti Ġenerali wettqet żball meta kkunsidrat li l-Kunsill kien eżamina korrettament il-kwistjoni jekk wieħed mill-kriterji għall-inklużjoni fil-miżuri kkontestati kienx issodisfatt**

Il-Qorti Ġenerali wettqet żball meta amalgamat is-servizzi pprovduti mill-appellant skont il-Liġi Monetarja u Finanzjarja Iranjana ma' "appoġġ finanzjarju" lill-Gvern Iranjan fis-sens tal-kriterju għall-inklużjoni rilevanti. Is-servizzi pprovduti mill-appellant, bħala Bank Ċentrali, bħalma huma ż-żamma ta' kontijiet u t-tranżazzjonijiet ta' kklerjar, ma jikkostitwixxux "appoġġ finanzjarju" ta' importanza kwalitattiva u kwantitattiva tali li jippermettu lill-Gvern Iranjan isegwi programm nukleari. Fil-fatt, jekk jiġu interpretati b'mod adegwat u proporzjonat, dawn is-servizzi bl-ebda mod ma jikkostitwixxu appoġġ finanzjarju.

**Aggravju B: Il-Qorti Ġenerali wettqet żball meta kkunsidrat li l-Kunsill kien osserva l-obbligu ta' motivazzjoni tiegħu previst fl-Artikolu 296 TFUE**

L-eżistenza tal-Liġi Monetarja u Finanzjarja Iranjana, li tistabbilixxi l-funzjonijiet u s-setgħat tal-appellant bħala Bank Ċentrali tal-Iran, ma tiċċarax (kuntrarjament għal dak li ġie affermat fis-sentenza tal-Qorti Ġenerali) dak li jfisser il-Kunsill b'"appoġġ finanzjarju" fl-espożizzjoni tal-motivi. Il-Qorti Ġenerali żbaljat meta ddeċidiet li l-Kunsill ma kienx obbligat jipprovdi motivazzjoni konkreta u speċifika li tispjega kif u b'liema modi huwa qies li l-appellant kien ipprovda tali appoġġ lill-Gvern Iranjan.

**Aggravju C: Il-Qorti Ġenerali wettqet żball meta kkonkludiet li d-drittijiet tad-difiża tal-appellant kienu ġew irrispettati**

Il-Qorti Ġenerali żbaljat ukoll meta kkunsidrat li l-Kunsill kien irrispetta d-drittijiet tad-difiża tal-appellant. Il-Kunsill ma pproduċa ebda prova qabel ma adotta d-deċiżjoni tiegħu li jinkludi mill-ġdid lill-appellant fil-lista. Il-Qorti Ġenerali żbaljat meta awtorizzat lill-Kunsill jissupplimenta l-espożizzjoni tal-motivi billi jibbaża ruħu fuq id-dispożizzjonijiet tal-Liġi Monetarja u Finanzjarja Iranjana li (kuntrarjament għal dak li ġie indikat fis-sentenza tal-Qorti Ġenerali) manifestament ma ssemmewx fl-espożizzjoni tal-motivi. L-appellant ma kienx jaf bl-argumenti mqajma kontra tiegħu u ma kienx f'pożizzjoni li jippreżenta difiża adegwata.

**Aggravju D: Il-Qorti Ġenerali wettqet żball meta ċaħdet il-motiv tal-appellant li skontu l-Kunsill kien kiser, mingħajr ġustifikazzjoni u b'mod sproporzjonat, id-drittijiet fundamentali tal-appellant, inkluż id-dritt tiegħu għall-protezzjoni tal-proprjetà u tar-reputazzjoni tiegħu**

Il-Qorti Ġenerali messha kkonkludiet li l-inklużjoni tal-appellant kienet sproporzjonata billi kkawżat diffikultajiet serji għall-appellant u għall-poplu Iranjan, billi ma kellha ebda impatt fuq is-sorsi ta' dħul tal-Gvern Iranjan, u billi ma hijiex ser tikkontribwixxi sabiex jintlaħaq l-għan li l-Gvern Iranjan jiġi kostrett iwaqqaf l-iżvilupp tal-programm tiegħu ta' proliferazzjoni nukleari.

---

(1) Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/635/PESK, tal-15 ta' Ottubru 2012, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 282, p. 58).

(2) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 945/2012, tal-15 ta' Ottubru 2012, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 282, p. 16).

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (il-Belġju) fit-8 ta' Ġunju 2015 – Office national des Pensions vs Willem Hoogstad; il-parti l-oħra fil-proċedura: Institut national d'assurance maladie invalidité

**(Kawża C-269/15)**

(2015/C 294/32)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Cour de cassation

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Office national des Pensions

*Konvenut:* Willem Hoogstad

*Il-parti l-oħra fil-proċedura:* Institut national d'assurance maladie invalidité

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 13(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 ([1]), tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-membri tal-familji tagħhom li jiċċaqilqu fil-Komunità għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jipprekludi li kontribuzzjoni bħat-tnaqqis imwettaq skont l-Artikolu 191(1)(7) tal-liġi dwar l-assigurazzjoni obbligatorja għall-kura tas-saħħa u kumpens ikkoordinata fl-14 ta' Lulju 1994 u bħall-kontribuzzjoni ta' solidarità dovuta skont l-Artikolu 68 tal-liġi tat-30 ta' Marzu 1994 dwar dispożizzjonijiet soċjali, tiġi mnaqqsa fuq benefiċċji ta' skemi ta' pensjoni addizzjonali Belġjani li ma humiex leġiżlazzjonijiet fis-sens tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(j) ta' dan ir-regolament meta l-benefiċċji tal-pensjoni jkunu dovuti lil aventi kawża li ma jirrisjedix fil-Belġju u li, skont l-Artikolu 13(2)(f) ta' dan l-istess regolament, huwa suġġett għal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà soċjali tal-Istat Membru li jirrisjedi fih?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 35.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (Il-Ġermanja) fid-9 ta' Ġunju 2015 – Hecht-Pharma GmbH vs Hohenzollern Apotheke, Inhaber Winfried Ertelt**

**(Kawża C-276/15)**

(2015/C 294/33)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesgerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Hecht-Pharma GmbH

*Konvenuti:* Hohenzollern Apotheke, Inhaber Winfried Ertelt

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva 2001/83/KE ([1]) ma jipprekludix dispożizzjoni nazzjonali bħal dik tal-Artikolu 21(2)(1) tal-Liġi dwar il-kummerċ ta' prodotti mediċinali (Gesetz über den Verkehr mit Arzneimitteln), li tipprovdi li prodott mediċinali intiż għall-użu mill-bniedem ma huwiex suġġett għal awtorizzazzjoni u li, minħabba l-fatt li huwa frekwentement ordnat mit-tobba jew mid-dentisti, l-istadji essenzjali tal-manifattura tiegħu jsiru fl-ispiżeriji, f'ammont sa 100 kaxxa għal kull ġurnata kollha ppakkjati bħala parti mill-operat normali tal-ispiżerija, u li huma intiżi għall-provvista fil-kuntest tal-awtorizzazzjoni ta' operat tal-ispiżerija?

Jekk tingħata risposta fl-affermattiv għad-domanda 1: